**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 5874/2024***

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Norbert Bellia**

**Illum 10 ta' April 2025**

Il-Qorti,

Rat li l-appellat, **Norbert Bellia** detenur tal-karta tal-identita Maltija **372081M**, gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-15 ta' Novembru 2023, għall-ħabta ta' 12:23, ġewwa Triq tal-Barrani, Żejtun, saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KBU 602:

1. Mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq (liċenzja tal-vettura mhux imġedda) (Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta); u
2. Saq u għamel użu mill-imsemmija vettura mingħajr pjanċi tar-reġistrazzjoni (Regolament 32(7) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Kap 368 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta ) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-20 ta' Settembru,2024, fejn ma sabitx lill-appellat ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u lliberatu minn kull ħtija u piena *stante* li kien hemm kunflitt bejn l-akkużi u l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni stess kif ukoll kunflitt bejn l-akkużi u l-provi prodotti mid-difiża.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellat Avukat Ġenerali preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-17 ta' Ottubru 2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u ssib lil Norbert Bellia ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u tinfliġġi piena adegwata u skont il-liġi.

**Illi l-aggravji huma ċari u manifesti;**

Illi, b'kull rispett, l-esponent ma jaqbilx mal-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati *stante* li hija għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, u għalhekk ma sabitx li l-fatt kien fih l-ingredjenti/l-elementi tar-reati li tagħhom l-appellat kien akkużat u, konsegwentement, illiberat lill-appellat.

Senjatament, l-esponent ħassu aggravat talli fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2024, meta fil-fatt issejjħet, instemgħat u sussegwentement ġiet deċiża l-kawża, il-Prosekuzzjoni talbet li tagħmel korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni hekk kif ġiet konxja li kien hemm żball fiha wara li għalqet il-provi tagħha, id-difiża bdiet tressaq il-provi tagħha u xehed l-imputat *qua* l-appellat, u l-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet tali talba tal-Prosekuzzjoni għax skont dik il-Qorti, il-Prosekuzzjoni ma setgħetx titlob li tagħmel korrezzjoni f'dak l-istadju tal-proċeduri. *Pero'*, l-esponent jisħaq li l-Prosekuzzjoni kellha kull dritt titlob korrezzjoni sabiex tissana l-iżball fiċ-ċitazzjoni f'dak l-istadju abbażi tar-rimedji li tagħtiha l-liġi, partikolarment il-liġi proċedurali kriminali.

F'dan ir-rigward, l-esponent l-ewwel nett jagħmel referenza għall-**Artikolu 599** tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

*599. (1) Il-qorti tista' f'kull waqt tal-kawża sakemm il-ġuri ma jagħtix il-verdett tiegħu, tordna li jiġi ikkorreġut kull żball li, mill-provi li jinġiebu fil-kawża, jinsab li sar fl-att tal-akkuża dwar iċ-ċirkostanzi ta' żmien, post u persuna, meta, fejn, u kontra min sar ir-reat, jew dwar l-indikazzjoni jew id-deskrizzjoni tal-ħwejjeġ li fuqhom sar ir-reat:*

*Iżda, f'dan il-każ, m'għandu jittieħed ebda qies ta' ebda ħaġa li, minħabba dik il-korrezzjoni, tagħmel iżjed gravi r-reat, kemm-il darba dan l-aggravament ma jkunx miġjub espressament fl-att tal-akkuża; u l-qorti tista', jekk tara li dik il-korrezzjoni setgħat tagħmel ħsara lill-akkużat fid-difiża tiegħu, tħoll, fuq talba tiegħu, il-ġuri, u tħalli l-kawża għal ġurnata oħra, biex tagħti żmien lill-akkużat li jlesti d-difiża fuq l-att tal-akkuża hekk ikkorreġut, basta li l-akkużat jagħmel dik it-talba f'kull żmien qabel l-indirizz imsemmi fl-artikolu 465 jew, jekk din il-korrezzjoni ssir wara lindirizz hawn fuq imsemmi, qabel il-verdett tal-ġuri.*

*(2) Kull żball fir-riferenza għall-artikolu ta' dan il-Kodiċi, jew ta' liġi oħra li ssemmi l-piena li l-applikazzjoni tagħha tkun ġiet mitluba fl-att tal-akkuża, jista' jiġi ikkorreġut f'kull żmien sakemm tingħata s-sentenza.*

*(3) Kull difett jew żball imsemmi f'dan l-artikolu, jista' jinġieb 'il quddiem mill-Avukat Ġenerali jew mill-akkużat jew mill-avukat tiegħu jew mill-qorti ex officio.*

L-esponent jissottometti li huwa minnu li l-Artikolu 599 jikkontempla l-att ta' akkuża u proċeduri fil-Qorti Kriminali u huwa minnu wkoll li ċitazzjoni mhijiex att ta' akkuża. Madankollu, l-esponent jikkontendi li hekk kif il-liġi tipprovdi li l-Avukat Ġenerali *inter alia* jista' jitlob korrezzjoni fl-att ta' akkuża, li hija l-aktar dokument solenni fi proċeduri kriminali, fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, b'analoġija, aktar u aktar l-Uffiċjal Prosekutur jista' jitlob korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri sommarji, liema ċitazzjoni hija, wara kollox, kif tgħallimna l-ġurisprudenza nostrana, *un avviso di comparire*.

F'dan ir-rigward, l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Spiru Spiteri</u>** mogħtija fit-18 ta' Marzu 1955 minn din l-Onorabbli Qorti, li għamlet analiżi pprofondita in materja u kkunsidrat is-segwenti:

> L-aggravju dedott in sostenn tal-appell hu dak li l-Qorti tal-Prima Istanza ordnat korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni wara li l-Prosekuzzjoni kienet għalqet il-provi tagħha, u wara li d-difiża kienet għamlet is-sottomissjoni tagħha kollha in meritu għall-każ, partikolarment dik li ma saret ebda prova, anzi saret prova negattiva, li l-imputat kellu kalzetti fil-pussess tiegħu fid-data ndikata fiċ-ċitazzjoni. Dan l-aggravju hu relattiv għall-verbal kalendat fil-fol. 5 tal-karti proċesswali, fejn jingħad li l-Proskezzjoni talbet li żżid il-kliem "fl-aħħar tliet xhur qabel" minflok il-kelma "fit-" fl-ewwel vers- taċ-ċitazzjoni. Oriġinarjament, fiċ-ċitazzjoni d-data kienet indikata hekk:- "*Fit-2 ta' Novembru, 1954*". Bil-korrezzjoni, iż-żmien tal-kommissjoni tar-reat ġie hekk: - "*Fl-aħħar tliet xhur qabel it-2 ta' Novembru, 1954*";
>
> Mill-istess verbal jirriżulta li d-difiża opponiet ruħha għat-talba tal-korrezzjoni, fuq il-motiv li din ġiet mitluba wara li nstemgħu l-provi tal-Prosekuzzjoni u wara li d-difiża kienet saret. Il-Qorti ta' Isfel, pero', ordnat il-korrezzjoni;
>
> Issa, iċ-ċitazzjoni fil-ġudizzji sommarji, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza lokali in propożitu, ġiet introdotta fis-sistema kriminali patriju mis-sistema kriminali ingliż (ara deċiż. Preliminari "**<u>Pulizija vs. Bartoli</u>**", App. Krim. 8.1.1938, deċiż definittivament fl-4 ta' Ġunju, 1938); u għalhekk il-Qrati ta' Malta segwew il-prinċipji tad-Dritt Ingliż dwar din il-materja, senjatament il-prinċipju baziliari, hekk espress, aktar minn sebgħejn sena ilu, fil-kawża "**<u>Terreni vs Gabaretta</u>**", 17 ta' Ġunju, 1880, Appell Kriminali, sedenti l-President Sir Antonio Micallef: - *"Che e' di regola, anche nella Corte dei Magistrati della Polizia Giudiziaria come Corte di Criminale Giudicatura, che non e' indispensabilmente necessario attenersi stettamente e precisamente ai termini della originaria citazione, quando anche il procedimento fosse per parte della Polizia, e che la Corte possa benissimo decidere in ogni caso pel diritto risultato dalle prove e dietro alla stessa avanzata citazionel e beninteso che si debba accordare, qualora si domanda, o quando la Corte stessa lo creda necessario, un breve termine per poter il citato difendersi su di un tale risultato diritto;*

Dan il-prinċipju ma ġie bl-ebda mod alterat meta saret l-emenda fil-liġi dwar dak li għandu jkun fiha ċ-ċitazzjoni (emendi tal-Ordinanza IX tal-1911 għal dak li llum hu l-art. 372(2) Kap. 12 Ediz. Riv.). Tant illi fis-sistema ingliż, fejn iċ-ċitazzjoni għandu jkun fiha l-istess partikularitajiet kif hemm fil-Liġi Maltija (ara Stone's "*Justices' Manual*", Vol II, para. 77., paġ 2604-2605, Edizzjoni tal-1954), l-istess jingħad li ma hemm ebda nullita' minħabba difett fiċ-ċitazzjoni iżda biss dritt għal differiment fuq talba tal-imputat, jekk bl-iżball dan seta' kien *"misled"* (idem, Vol. I, p. 111-112). L-istess ħaġa qalet din il-Qorti fil-kawża "**Polizia vs. Ashby",** 12 ta' Awissu, 1917, b'dawn il-kliem:- "*Le indicazioni ordinate coll'art.360 delle Leggi Criminali, riferentisi alla citazione, non sono essenziali. La citazione e' l-ordine della Polizia Esecuttiva all'imputato di comparire in giudizio; essa non e che un modo di presentazione del giudicabile all'autorita' giudizaria, quando non sia indispensabile l'arresto. Tale e' lo scopo ed il carattere essenziale della citazione, punto modificato dalla innovazione legislativa nella indicazione delle particolarita' della incriminazione nell'atto di citazione. Quella indicazione ha solo per oggetto di rendere l'imputato consapevole sin dal momento iniziale del procedimento penale di cio' che egli viene chiamato in giudizio a rispondere, per potersi preparare alla difesa. La citazione non si puo' equiparare all'atto di accusa. Quindi le ommissioni di dette particolarita' nella citazione non ne producono la nullita', potendo una tale ommissione od altro simile vizio intitolare solamente l'imputato di ottenere, al bisogno, un rinvio per meglio prepararsi alla difesa*";

L-istess ġie ritenut f'dawn il-kawżi, fost oħrajn, App. Krim. "**Pul. vs Debono**" 12 ta' Jannar, 1918, "**Carabott vs. Galea**" 12 ta' Awissu, 1918, "**Pul. vs. Carmelo Mariani**" 12.6.1942. Ara wkoll deċiżjoni reċenti ta' din il-Qorti kolleġjament komposta, "Regina vs Cutajar", 13.12. 1954;

Id-difiża, pero', għamlet enfasi fuq iċ-ċirkustanza li l-korrezzjoni ġiet ordnata meta t-trattazzjoni kienet konkluża, billi l-Prosekuzzjoni kienet għamlet il-parti tagħha, u d-difiża kienet għalqet il-kompitu tagħha defensjonali. Id-difensur iċċita wkoll l-art 389 tal-Kap 12 Ediz. Riv., li jgħid hekk: - "*Meta jingħalaq is-smiegħ tal-kawża, dak inhar stess, jekk jista' jkun, il-Qorti tagħti s-sentenza, billi tillibera jew billi tikkundanna lill-imputa*t";

Dan il-pont ġie diġa' kunsidrat mill-Imħallef sedenti fil-kawża App. Krim. "**Pul. vs. Frank Borg**", deċiża fis-6 ta' Marzu, 1954; u ġie ritenut hekk: *"Din id-dispożizzjoni ma tvarjax l-effett tal-ġurisprudenza fuq ċitata, għaliex l-iskop ta' dak l-artikolu hu sempliċement biex ikun impost fuq il-ġudikant*

*l-obligu tad-deċiżjoni solleċita tal-kawża, u għaliex ma hemm xejn li jimpedixxi li, għal raġuni ġusta, anki mill-Qorti "**marte proprio"**, jerġa' jinfetaħ is-smiegħ, sija pure titbiddel l-imputazzjoni, kif sar f'dan il-każ; basta tingħata, kif ingħatat f'dan il-każ, l-opportunita' ta' differiment, jekk l-imputat irid dan id-differiment*";

F'dan il-każ odjern, is-sentenza ġiet pronunzjata dak inhar stess li saret il-korrezzjoni. Iżda, "ex admissis" (ara verbal fol. 17), id-difiża ma talbetx differiment, u l-ġurisprudenza hi fis-sens li hemm l-obligu tar-rinviju tal-kawża "*meta ssir it-talba relattiva mid-difiża*". Dan hu ribadit fis-sentenzi nostrali; u l-istess hemm fis-sistema Ingliż, fejn jingħad li "*the duty to adjourn on the defendant's application is obligatory*";

Lanqas hu l-każ li jingħad li bil-korrezzjoni l-imputat seta' kien "*deceived*" jew "*misled*", jew b'xi mod preġudikat; għax id-dettalji dwar ir-reat kontenuti fiċ-ċitazzjoni ma setgħux ma jurux lill-imputat kontra liema fatt hu kellu jiddefendi ruħu. Infatti, il-bażi ta' l-inkriminazzjoni kienet jekk kellux jew ma kellux fil-pussess tiegħu 214 il-par kalzetti tan-nylon bla dazju, u kambjament tad-data ma setgħax jiżvijaħ. Fil-prima istanza, fejn il-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni tista' ssir, il-preġudizzju, għall-finijiet ta' kwistjonijiet simili, ma għandux jiġi magħmul jikkonsisti filli l-imputat ma jkunx jista' japprofitta ruħu minn żball tal-Prosekuzzjoni, imma filli ġenwinament, minħabba dak l-iżball, hu jkun ġie b'xi mod imfixkel fil-mezzi tad-difiza;

Lanqas għandu jintesa li hawn si tratta, mhux ta' difett fis-sens li l-korrezzjoni kellha tikkonsisti f'kambjament tar-reat imputat, imma pjuttost ta' dik li tissejjaħ "*variance*"; għax appuntu "*variance*" hi deskritta fil-ġurisprudenza Ingliża bħala "some difference between the allegation and the evidence, and not to a different offence" (ara Martin vs. Pridgeon, 1859, 23 J.P. 630). Ġie anki deċiż, fil-Qrati Ingliżi, illi "*where the date of the offence is incorrectly stated, the Court should amend the information or adjourn the hearing, not dismiss the case*" (ara **Exeter Corporation vs. Heaman** (1877) 42 J.P. 503). Dan hu każ parallel;

Kwantu għall-meritu, ġie dikjarat fid-dibattitu orali, u del resto jidher mir-rikors stess ta' l-appell, li l-aggravju ta' l-appell jikkonsisti unikament fil-kwistjoni superjorment trattata;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

*Inoltre*, fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs John Psaila**,* deċiża fit-28 ta' Settembru 2006, din l-Onorabbli Qorti kkunsidrat is-segwenti:

Issa, mill-atti jirrizulta illi fis-16 ta' Frar 2006 l-appellat deher, wara li gie notifikat biex iwiegeb ghall-imputazzjoni kif originarjament formulata, u, skond il-verbal ta' dakinhar, iddikjara li ma jridx avukat. Minn imkien ma jirrizulta x'kienet id-difiza tieghu. Mill-istess verbal jirrizulta, pero`, illi xehdet bil-gurament "Catherine Micallef" li nfurmat lill-Qorti li kunjomha kien "*Micallef*" u mhux "*Muscat*". F'dak l-istadju l-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fic-citazzjoni fis-sens illi l-kunjom ta' l-allegata parti leza jinbidel u minflok "*Muscat*" jinqara "*Micallef*". L-ewwel Qorti dehrilha li, wara tali korrezzjoni, kellha tiddikjara lazzjoni preskritta.

Jigi sottolinejat l-ewwel nett illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

> ***"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' 1- akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw."***

Issa l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti (avviso di comparire). Fissentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg** fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:

> "L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, **hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.* (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll florigini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl1911.**

**Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art. 360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu lkaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Lakkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: *'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore'* (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba l-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, ilfunzjoni <u>principali</u> tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet *Il- Pulizija vs Noel Zarb Adami*)."**

U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fissentenza moghtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza flismijiet **<u>Il-Pulizija v. Emanuel Buttigieg:</u>**

***"Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita` taghha, jew talproceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita`' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghallimputazzjoni dedotta.***

.....

***Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha lordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti talMagistrati qatt ma***

> ***tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik iccitazzjoni ma ggib in-nullita` tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza."***

Is-**subartikolu (2) ta' l-artikolu 360** tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li c-citazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuza. Fissentenza taghha fl-**ismijiet Il-Pulizija v. Philip Schembri** moghtija fit- 18 ta' Novembru 1994 minn din il-Qorti (diversament presjeduta), gie spjegat:

> ***"Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr ilhtiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb."***

L-appellat fil-fatt deher fid-data li ghaliha kien notifikat biex jidher sabiex iwiegeb ghall-imputazzjoni li f'data, hin u lok specifici kien hedded u insulenta lil persuna partikolari bi kliem. Stante li kien hemm zball fil-kunjom ta' dik ilpersuna, il-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni.

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fit-18 ta' Marzu 1955 (per l-Imhallef William Harding) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Spiru Spiteri** (Vol. XXXIX.iv.986) giet milqugha talba tal-prosekuzzjoni ghal korrezzjoni fid-data, nonostante l-oppozizzjoni tad-difiza fuq il-motiv li din giet mitluba wara li nstemghu l-provi tal-prosekuzzjoni u wara li d-difiza kienet saret, u sentenza nghatat fl-istess gurnata. F'dik is-sentenza ntqal l-ewwel nett illi l-Qorti mhix obbligata tiddifferixxi l-kawza, meta tkun saret korrezzjoni, jekk ma ssirx talba ghad-differiment mill-imputat. U ziedet tghid hekk:

> ***"Lanqas hu l-kaz li jinghad li bil-korrezzjoni l-imputat seta' kien 'deceived' jew 'misled', jew b'xi mod pregudikat; ghax id-dettalji dwar ir-reat kontenuti fic-citazzjoni ma setghux ma jurux lill-imputat kontra liema fatt hu kellu jiddefendi ruhu ….***

*Fil-prim'istanza, fejn il-korrezzjoni tac-citazzjoni tista' ssir, ilpregudizzju, ghall-finijiet ta' kwistjonijiet simili, ma ghandux jigi maghmul jikkonsisti filli l-imputat ma jkunx jista' japprofitta ruhu minn zball talprosekuzzjoni, imma filli genwinament, minhabba dak l-izball, hu jkun gie b'xi mod imfixkel fil-mezzi taddifiza.*

*Lanqas ghandu jintesa li hawn si tratta, mhux ta' difett fis-sens li l-korrezzjoni kellha tikkonsisti f'kambjament tar-reat imputat, imma pjuttost ta' dik li tissejjah 'variance'; ghax appuntu 'variance' hi deskritta filgurisprudenza Ingliza bhala 'some difference between the allegation and the evidence, and not to a different offence' (ara Martin vs. Pridgeon, 1859, 23 J.P. 630)."*

Fil-kaz in ezami l-appellat kien jaf precizament kontra liema reat hu kellu jiddefendi ruhu. Bil-korrezzjoni ta' kunjom l-allegata parti leza, ma kien qieghed jinbidel xejn mis-sustanza tal-fatti imputati u wisq anqas mir-reat ipotizzat b'dawk il-fatti. L-ewwel Qorti setghet tilqa' t-talba ghall-korrezzjoni <u>minghajr</u> il-htiega li c-citazzjoni terga' tigi notifikata u dan ghaliex meta saret il-korrezzjoni kien hemm semplicement "*variance*" u ma sar ebda tibdil sostanzjali fir-reat addebitat lill-appellat. Ara wkoll fl-istess sens is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Gunju 1995 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Miriam Gravina</u>**. Konsegwentement in-notifika originali tac-citazzjoni kienet ghadha tghodd u, skond l-artikolu 687(2) tal-Kodici Kriminali, iz-zmien ta' preskrizzjoni gharrigward ta' kull reat kriminali ghandu jkun sospiz mill-waqt li imputazzjoni tigi notifikata lill-persuna imputata.

*Multo magis*, l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Kurt Amato</u>** mogħtija fit-3 ta' Ottubru 2024 minn din l-Onorabbli Qorti, li tenniet hekk:

*Illi dwar dak imsemmi fl-aggravju in eżami, din il-Qorti tibda billi tinnota li ma taqbilx ma' dak li jgħid l-appellant u ċioè li l-Ewwel Qorti kienet b'xi mod marbuta ma' dak li hemm fiċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-appellant allura imputat ġie mixli quddiem l-Ewwel Qorti.*

*Tajjeb jingħad li ċ-ċitazzjoni mhijiex Att ta' Akkuża iżda hija biss mezz li bih il-persuna mixlija tiġi mgħarrfa li nħarġu l-imputazzjonijiet kontra tagħha. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Settembru 2006* ***fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs. John Psaila</u>*** *(Numru 36/2006) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:*

*"Jiġi sottolinejat l-ewwelnett illi s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:*

***"Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw."***
*Issa l-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna hi fis-sens li ċ-ċitazzjoni in kwistjoni mhix ħlief avviż lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti (avviso di comparire). Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg*** *fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:*

***"L-insenjament tal-qrati tagħna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tgħid univoku u ġie kristallizzat fis-sentenza talQorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Diċembru, 1948 flismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E. (Vol.XXXIII.iv.758) li daħlet ukoll floriġini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, iċ-ċitazzjoni ma hi xejn ħlief avviż jew ordni sabiex ilġudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri filħin u data li jiġu indikati lilu, minflok ma jinġieb quddiem dik il-qorti taħt arrest (Art. 360(1)). Din iċ-ċitazzjoni ma hix il-bażi talakkuża, bħalma hu l-każ tal-att ta' akkuża*** **quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuża jew imputazzjoni tiġi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-Prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce** ***contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza ċitata, paġna 761). Dan ifisser li ġaladarba l-persuna mħarrka effettivament tidher quddiem il-Qorti, il-funzjoni prinċipali taċ-ċitazzjoni (għax hemm funzjonijiet oħra, bħal, per eżempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jiġi akkużat sabiex ikun jista' jiddefendi ruħu sew, kif***

***ukoll l-interruzzjoni talpreskrizzjoni) tkun ġiet eżawrita (ara f'dan issens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Ġunju, 1989 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Noel Zarb Adami)."***

*[...]*

*Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali jirrikjedi biss li ċ-ċitazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuża. Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Philip Schembri** mogħtija fit-18 ta' Novembru 1994 minn din ilQorti (diversament presjeduta), ġie spjegat:*

***"Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod ċar ir-reat li tiegħu l-persuna tkun qed tiġi imputata, mingħajr il-ħtieġa ta' tiġbid ta' kliem jew immaġinazzjoni, jiġifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jiġi akkużat u għal liema reat jew reati jrid iwieġeb.""***

Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-esponent jissottometti li l-Qorti tal-Maġistrati kellha tilqa' u mhux tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tagħmel id-debita korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni relattiva, minkejja li talbitha fl-istadju ta' provi difiża, preċiżament wara li xehed l-appellat. Tenut kont tal-insenjament fuq imsemmi, iċ-ċitazzjoni li rċieva l-appellat hija sempliċement avviż jew ordni sabiex huwa jidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati minflok ma nġieb quddiem dik il-Qorti taħt arrest. Ġaladarba l-appellat effettivament deher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, il-funzjoni prinċipali taċ-ċitazzjoni ġiet eżawrita. Inoltre, id-dettalji msemmijin fiha dwar il-fatti ġew indikati għall-fini ta' prattiċita' u evitar ta' telf ta' żmien, sabiex meta l-appellat deher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, huwa kien jaf fuqhiex kien ġie mħarrek u għalhekk seta' jipprepara sabiex jiddefendi ruħu għall-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu. Id-dettalji dwar il-fatti ma kinux indikati għall-fini tal-validita' taċ-ċitazzjoni jew tal-proċeduri, inkluża s-sentenza.

Għalkemm fil-fatti kien hemm dettalji skorretti tad-data u l-lok ta' fejn seħħew ir-reati, madankollu, l-appellat xorta waħda kien jaf ta' liema reati kien qed jiġi akkużat u għal liema reati ried iwieġeb. Kif qalet din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Spiru Spiteri** surriferita – li huwa każ simili ħafna għall-każ odjern,

għax f'dak il-każ il-Prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fid-data wara li nstemgħu l-provi tagħha u tad-difiża, bid-differenza li f'dak il-każ il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tagħmel id-debita korrezzjoni filwaqt li f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet tali talba – l-appellat ma kienx *deceived* jew *misled* jew b'xi mod preġudikat bil-korrezzjoni li talbet il-Prosekuzzjoni għax id-dettalji dwar ir-reati kontenuti fiċ-ċitazzjoni urew lill-appellat kontra liema reati hu kellu jiddefendi ruħu. Il-korrezzjoni li talbet li l-Prosekuzzjoni ma kinitx tikkonsisti f'kambjament ta' reati imma pjuttost dik li tissejjaħ *variance* deskritta fil-lingwa Ingliża bħala d-differenza bejn l-allegazzjoni u l-evidenza, u mhux reat differenti. Bil-korrezzjoni li talbet il-Prosekuzzjoni ma kien qed jinbidel xejn mis-sustanza tal-fatti imputati u wisq anqas mir-reati ipotizzati b'dawk il-fatti. Ma kien hemm ebda tibdil sostanzjali fir-reati addebitati lill-appellat.

L-appellat ma setax japprofitta ruħu minn żball tal-Prosekuzzjoni. Il-preġudizzju li tikkontempla l-ġurisprudenza hu fis-sens li minħabba dak l-iżball l-appellat kien se jkun imfixkel b'xi mod fil-mezzi tad-difiża tiegħu. Id-dettalji skorretti fiċ-ċitazzjoni ma kellhomx ixejjnu l-azzjoni kriminali. Dak li kien meħtieġ, kif ingħad, kien li l-appellat fehem biex kien qed jiġi mixli u li deher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sabiex iwieġeb għal din ix-xilja b'tali mod li seta' jiddefendi ruħu mill-istess u li l-provi li nġiebu sussegwentement fil-qorti kienu jirriflettu dawk il-fatti elenkati fiċ-ċitazzjoni. Ma kienx indispensabbli l-Qorti timxi strettament u preċiżament mat-termini taċ-ċitazzjoni oriġinarja. Anzi skont il-ġurisprudenza Ingliża iċċitata fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Spiru Spiteri** ta' din l-Onorabbli Qorti fuq imsemmija, "where the date of the offence is incorrectly stated, the Court should amend the information or adjourn the hearing, not dismiss the case" (ara Exeter Corporation vs. Heaman (1877) 42 J.P. 503). Il-każ odjern huwa każ simili.

*Inoltre,* l-esponent iżid itenni li skont l-insenjament fuq imsemmi, ma kien hemm ebda nullita' minħabba difett fiċ-ċitazzjoni iżda biss dritt għal differiment fuq talba tal-appellat, jekk bl-iżball dan seta' kien *misled*. Konsegwentement, id-dettalji skorretti fiċ-ċitazzjoni ma messhomx wasslu għall-liberazzjoni tal-appellat għaliex il-Liġi

tippermetti li ssir id-debita korrezzjoni f'dan is-sens, kif fil-fatt riedet tagħmel il-Prosekuzzjoni, diment li l-appellat kien jingħata żmien biżżejjed sabiex jirregola d-difiża tiegħu fid-dawl ta' din il- korrezzjoni. L-esponent jerġa' isostni li l-Qorti tal-Maġistrati kellha tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tagħmel id-debita korrezzjoni u sussegwentement kellha tiddifferixxi l-kawża wara li l-appellat kien jagħmel tali talba sabiex ikun jista' jirregola d-difiża tiegħu u b'hekk id-dritt ta' smiegħ xieraq kien ikun ġie rispettat.

L-esponent josserva li l-Qorti tal-Maġistrati iċċitat is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Rita Zammit** deċiża fl-14 ta' April 2005 minn din l-Onorabbli Qorti u qalet li ċ-ċirkostanzi kienu simili bħal tal-każ odjern bid-differenza li fil-każ ta' Zammit, il-kawża kienet diġa' ġiet differita għas-sentenza meta sar ir-rikors tal-Prosekuzzjoni biex tintalab il-korrezzjoni. Bir-rispett kollu lejn il-Qorti tal-Maġistrati, l-esponent jirrileva li din id-differenza hija sostanzjali. Il-każ odjern ma kienx ġie differit għas-sentenza u l-Prosekuzzjoni għamlet it-talba seduta stante.

Isegwi li l-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati juru b'mod ċar li fil-15 ta' Diċembru 2023, għall-ħabta ta' 12.23, ġewwa l-uffiċini tal-"*Vehicle Inspection Unit*", Luqa, l-appellat (i) saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KBU 602 mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq (liċenzja tal-vettura mhux imġedda) (Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta); u (ii) saq u għamel użu mill-imsemmija vettura mingħajr pjanċi tar-reġistrazzjoni (Regolament 32(7) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Kap 368 tal-Liġijiet ta' Malta).

F'dan ir-rigward, jibda biex jingħad illi mill-affidavit ta' EO 228 Charlie Farrugia, liema affidavit huwa mmarkat bħala Dok C u jinsab inserit *a folii* 10 u 11 tal-atti proċesswali, u mill-affidavit ta' EX 002 Ranier Lia, liema affidavit huwa mmarkat bħala Dok D u jinsab inserit *a folii* 12 u 13 tal-atti proċesswali, jirriżulta li fil-15 ta' Diċembru 2023 għall-ħabta ta' 12:23, waqt li kienu qegħdin jispezzjonaw vetturi ġewwa l-uffiċini tal-"Vehicle Inspection Unit", Luqa, innutaw li vettura tal-għamla Toyota b'numru tar-reġistrazzjoni KBU 602 kienet ġewwa l-uffiċini mingħajr pjanċi,

mingħajr liċenzja mwaħħla jew mġedda u bi pjanċa waħda flok bi tnejn ta' Trial Run b'numru Trial Run 81. Meta talbu d-dokumenti u l-liċenzja lix-xufier, irriżulta li l-isem tax-xufier kien Norbert Bellia bin-numru tal-karta tal-identita' 372081M, cioe' l-appellat. Mir-riċerki li għamlu, l-Uffiċjali tal-Infurzar kkonfermaw li l-vettura kellha l-pjanċi ggaraxjati, jiġifieri l-liċenzja tal-vettura ma kinitx imġedda u, konsegwentement, il-vettura ma kinitx liċenzjata mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq. Ikkonfermaw ukoll li t-Trial Run kinet reġistrata fuq Buhagiar Motors. Meta staqsew lill-appellat dwar it-Trial Run, huwa wieġeb li kienet mislufa lilu sabiex jitla' jagħmel l-ispezzjoni tal-imsemmija vettura ġewwa l-Vehicle Inspection Unit.

*Di piu'*, mill-affidavit ta' **Stephen Cachia,** impjegat fid-Direttorat għat-Trasport fuq l-Art fi ħdan l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, liema affidavit huwa mmarkat bħala Dok B u jinsab inserit *a folii* 5 u 6 tal-atti proċesswali, u mid-dokument maħruġ mit-Transport Malta li fih id-dettalji tal-vettura in kwistjoni, liema dokument jinsab inserit *a folii* 7 sa 9 tal-atti proċesswali, jirriżulta li fil-15 ta' Diċembru 2023, il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KBU 602, tal-marka Toyota Toyoace, kienet reġistrata fuq l-appellat filwaqt li l-liċenzja tal-imsemmija vettura skadiet fit-30 ta' Novembru 2023 u ġiet imġedda fit-18 ta' Diċembru 2023. *Inoltre*, mit-traskrizzjoni tax-xhieda tal-appellat tal-20 ta' Settembru 2024 li tinsab inserita *a folii* 14 u 15 tal-atti proċesswali, jidher biċ-ċar li l-Prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni.

Illi għalhekk, b'kull dovut rispett, l-esponent jissottometti li fil-każ de quo, l-apprezzament tal-provi u l-analiżi tal-prinċipji legali tal-Qorti tal-Maġistrati kienu żbaljati u l-appellat kellu jinstab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat l-atti tal-kawza inkluz id-dokumenti esebiti u ezaminat ix-xhieda imresqa.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan l-appell u dan fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2025 meta l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat.**

Il-fatti tal-każ, fil-qosor, huma dawn:

Fil-15 ta' Diċembru 2023, waqt spezzjoni tal-vettura KBU 602 mill-Uffiċjali ta' Transport Malta fil-Vehicle Inspection Unit f'Ħal-Luqa, ġie nnutat li l-vettura waslet hemm mingħajr liċenzja valida u bi pjanċa waħda ta' Trial Run (numru 81) minflok tnejn. Minn verifiki fis-sistema ta' Transport Malta, irriżulta li l-vettura kellha l-pjanċi iggaraxxjati, u t-Trial Run kienet reġistrata fuq Buhagiar Motors. Is-sewwieq, identifikat bħala Norbert Bellia, qal li l-pjanċa tat-Trial Run kienet mislufa lilu biex jitla' għall-ispezzjoni. Peress li s-sid tat-Trial Run ma kienx preżenti, il-pjanċa ġiet konfiskata. Konsegwentement, ittieħdu proċeduri kontra l-akkużat għal dawn in-nuqqasijiet.

**<u>Dwar l-Aggravju tal-Avukat Ġenerali</u>**

F'dan il-każ huwa evidenti li hemm kontradizzjoni bejn il-mod kif ġiet ifformulata l-akkuża u l-provi ppreżentati mill-Prosekuzzjoni. L-Uffiċjali ta' Transport Malta xehdu li l-każ seħħ fil-15 ta' Diċembru 2023 fil-Vehicle Inspection Unit f'Ħal-Luqa, l-akkuża tgħid li l-allegat reat ġara fil-15 ta' Novembru 2023 fi Triq tal-Barrani, iż-Żejtun. Dan jikkrea diverġenza kemm fir-rigward tal-post kif ukoll tad-data tal-każ.

L-akkużat ippreżenta provi li fil-15 ta' Novembru 2023, il-vettura KBU 602 kienet żarmata għand il-mechanic tiegħu Yosef Xuereb. **Yosef Xuereb** xehed li l-karozza kienet fil-pussess tiegħu bejn l-aħħar ta' Ottubru u l-bidu ta' Diċembru 2023, u għalhekk ma setgħetx kienet qiegħda tinstaq fid-data indikata fl-akkuża. Dan jikkontradixxi l-allegazzjonijiet tal-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti hija marbuta bl-akkuża kif inhi u ma tistax tagħmel tajjeb għall-iżbalji tal-Prosekuzzjoni. Għalhekk, huwa ċar li l-akkuża kellha tirreferi għad-15 ta' Diċembru 2023 f'Ħal-Luqa u mhux għad-15 ta' Novembru 2023 f'Żejtun.

Illi l-gurisprudenza taghna hija kostanti fl-affermazzjoni tal-principju li l-fatt allegat fl-akkuza, kif kwalifikat kemm fil-lok u kemm fil-jum u l-hin, irid ikun ippruvat anke b'referenza ghal-istess kwalifiki.

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai Christian) Magrin** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Marzu 2008 trattat l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* meta l-akkuzat tressaq mill-gdid fuq kaz li kien diga' tressaq fuqu u li minnu kien gie liberat minhabba li l-indikazzjoni tal-hin kienet tirreferi ghal filghaxija minflok filghodu. F'dak il-każ kien ġie deċiż illi meta l-hin ikun indikat hazin fuq l-akkuza, dan iwassal biex il-fatt hekk allegat ikun materjalment differenti minn dak li suppost kellu jigi allegat, bil-konsegwenza li f'tali kaz l-akkuzat kellu jigi liberat, b'dan li seta' jitressaq mill-gdid fuq bl-akkuza korretta stante li din b'hekk tkun materjalment differenti mill-akkuza precedenti.

Issir referenza ukoll għak kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mary Briffa** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-18 ta' Ottubru 2005. Hawnhekk ukoll fl-akkuza kien ipotizzat reat li sar fis-07.30pm, mentri fil-provi irrizulta li l-fatti sehhew fis-07:30am. Konsegwentement l-imputat gie liberat. Deċiżjoni simili ingħatat ukoll fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Warren Piscopo** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-19 ta' Ottubru 2011.

Stabbiliti dawn il-principji dottrinali u applikati ghall-kaz in ezami huwa car allura illi l-appellanti kellu jigi illiberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu billi dawn jirreferu ghal perijodu ta' zmien differenti minn dak li fih sehhew l-allegati fatti li wasslu ghall-imputazzjoni odjerna. Illi allura billi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tinduna b'dan l-izball u tirrettifikah fil-hin opportun, u billi l-Avukat Generali huwa issa fi stadju ta' appell prekluz milli jitlob il-korrezzjoni mehtiega biex tigi sanata l-akkuza, ma hemmx dubbju illi l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellat ma jistghux jissussitu billi fid-data indikata fl-akkuza l-appellat ma ikkomettiex ir-reati lilu addebitati.

Illi meta f'dawn il-proċeduri l-Prosekuzzjoni ntebħet bl-iżball fid-data tal-akkuża, hija kienet diġà għalqet il-provi. Dan ġara wara x-xhieda tal-akkużat, li spjega li fil-15 ta' Novembru 2023 il-vettura kienet għand il-mechanic. Il-Prosekuzzjoni ppruvat titlob korrezzjoni fl-akkuża. Din it-talba ma saritx formalment iżda ssemmiet mill-Uffiċjal Prosekutur fil-bidu tal-kontro-eżami tal-akkużat, u saru sottomissjonijiet dwarha.

L-Avukat Ġenerali saħaq li skont l-Artikolu 599 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' tintalab il-korrezzjoni fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri. Madankollu, dan l-artikolu jirreferi għall-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali u mhux għall-kawżi sommarji li ikunu qed jintemghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali. Fi kwalunkwe każ, formalment din it-talba baqgħet qatt ma saret la permezz ta' verbal u anqas b'rikors u għalhekk din il-Qorti għadha marbuta bl-akkużi oriġinali li jindikaw li r-reat allegatament seħħ fl-15 ta' Novembru 2023 meta effettivament irriżulta li r-reat seħħ fil-15 ta' Diċembru 2023 kif jirriżulta mill-affidavits tal-Uffiċjali ta' Transport Malta Stephan Cachia u Ranier Lia, u mix-xhieda tal-imputat.

Illi għalhekk hemm kunflitt bejn l-akkuża u l-provi ppreżentati mill-Prosekuzzjoni stess, kif ukoll bejn l-akkuża u l-provi tad-difiża. Din il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti metaa saħqet li ma setgħetx tasal biex issib lill-akkużat ħati tal-akkużi miġjuba kontrih u għalhekk illiberatu.

Fic-cirkostanzi għalhekk l-appell qed jiġi michud w s-sentenza appellata konfermata.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**